# 9. L-Ewwel Salib Tal-Għolja Jagħlaq 100 Sena

kitba ta' Joseph Schembri

**Qabel il-miġja ta' San Pawl fostna, Malta ma kinitx tadura lil Alla veru. Lanqas "Tal-Għolja", kif nafuha llum, ma kienet tissejjaħ hekk imma, bl-isem "Ta' Ħammuna", għal alla falz mara tas-sħana jew tax-xemx, ta' żmien il-Feniċi.[1] Ħafna żmien wara, dak l-isem inbidel f'dak li huwa llum.**

Jiddomina fuq il-kampanja sabiħa ta' madwar ir-Raħal insibu "Is-Salib Tal-Għolja", sewwasew fuq il-quċċata ta' waħda mill-ogħla postijiet ta' Malta. Dan is-Salib huwa magħruf ħafna wkoll bħala "Is-Salib ta' Laferla", kif jidher fuq il-mapep: "*Laferla Cross*". Jissejjaħ hekk għal Dun Pawl Laferla, mis-Siġġiewi, li fuq l-inizjattiva tiegħu u l-kontribuzzjonijiet tal-poplu saru l-istatwi tal-passjoni li hemm mat-telgħa ta' Tal-Għolja.

Maż-żmien, quddiem il-knisja tal-Lunzjata li tinsab hemm fuq, kienet inbniet ukoll kappella ċkejkna ddedikata lil Marija Addolorata, iżda din tneħħiet fl-1963. Imwaħħla magħha kien hemm lapida b'kitba bil-Latin li kienet tgħid "*Biex iżżid id-devozzjoni tal-fidili lejn il-passjoni tar-Redentur, dawn l-istatwi ġew imqegħdin fuq din l-Għolja minn Dun Pawl Laferla. (Indulġenza ta' 40 jum għal min jgħid Kredu. 1896")*.[2]

L-istatwi ta' mat-telgħa Tal-Għolja kienu ntgħoġbu ħafna mill-poplu tas-Siġġiewi. Għalhekk Dun Pawl Laferla kien talab il-permess mingħand il-kappillan Dun Franġisk Farrugia u mingħand il-koadjutur tiegħu l-kakonku Dun Mikiel Farrugia, biex jagħmlu salib kbir fuq Tal-Għolja. Ix-xewqa ta' Dun Pawl intgħoġbot u ħallew kollox f'idejh. Dun Pawl ħa ħsieb jiġbor il-flus[3]; l-akbar somma, ta' 850 skud (Lm70+) ħariġha Dun Pawl stess. Is-Salib kien sewa £450 sterlina.

IS-SALIB TAL-GĦOLJA din is-sena jagħlaq 100 sena. Dak li naraw illum m'huwiex l-oriġinali, li kien twaqqa' b'riħ qawwi fl-1937. (Il-ħoss tal-waqa' tiegħu jingħad li nstema' wkoll mis-Siġġiewi). Id-disinn tal-oriġinal kien tqabbad jagħmlu l-Perit Ġużè Soler mill-Kalkara, waqt li Matsru Ġann Mercieca, ħaddied min-Naxxar, ħadmu b'sengħa u reqqa kbira u bil-ħġieġ ikkulkurit fih. Is-salib waħdu kien jiżen 35 qantar u b'kollox kien jiżen madwar 40 qantar. Bil-pedestall b'kollox kien jogħla 74 pied (22 metru u nofs) minn wiċċ il-għolja. Fil-kappella ta' taħt is-salib tqiegħdet pittura ta' Marija Santissima Addolorata, xogħol ta' l-artist Ġużeppi Calleja.

Il-bini tal-pedestall u l-armar biex ittella' s-Salib f'postu saru mill-bennej Pietru Mallia (li snin



*(L. Tortell) Is-Salib Tal-Għolja oriġinali*

wara kien tella' l-koppla) u mill-mastrudaxxa Franġisku Bugeja.[4]

Madwar l-erba' faċċati tal-pedestall hemm dawn l-erba' rħamiet b'kitbiet bil-Latin mill-Professur Żabbari Dun Franġisk Sciberras, Latinista magħruf. Dawn huma:

IESV CHRISTO
RESTITVTORI
AN. MDCCCCI
*(Lil Ġesù Kristu + Il-Feddej 1901)*

LEO * XIII * PONT * MAX
SECVLVM VICESIMVM
RESTITVTORI
GENERIS HVMANI
*(Il-Papa Ljun Tlettax ikkonsagra s-seklu għoxrin lill-Feddej tal-bnedmin kollha)*

ORBIS CATHOLICVS
QVO TESATOR ESSET
EA CONSECRATIO
MONVMENTA
VLTRA CONSTITVIT
*(Id-dinja kattolika biex tkun xhud ta' din il-konsagrazzjoni waqqfet minn jeddha dan il-monument).*

PAVLUS LAFERLA
SACERDOS
KLERO POPVLOQVE
OPITVLANTE
POSVIT A. MDCCCCIII
*(Dun Pawl Laferla, f'isem il-kleru u l-poplu li ta l-għajnuna tiegħu, waqqaf dan il-monument fis-sena 1903)*

**Is-Salib Tal-Għolja ttella' f'postu nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 1903, il-festa ta' l-eżaltazzjoni tas-Salib. Nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru 1903 saret l-inawgurazzjoni. Il-funzjoni tmexxiet minn Mons. Salvatore Gaffiero, Isqof Titulari ta' Silimbria, megħjun mill-Kappillan Dun Franġisk Farrugia u mill-koadjutur tiegħu l-Kanonku Dun Mikiel Farrugia. Id-diskors ta' l-okkażjoni kien għamlu l-Professur Dun Mikiel Barbara. Minkejja li t-temp kien sikwit iraxxax, kien hemm folol ta' nies. Waqt u wara l-funzjoni tqassmet poeżija miktuba għall-okkażjoni minn Giov. Carabez, li ġiet ippubblikata wkoll f'"Malta Tagħna" tas-27.09.1903.**

[1] Il-Miklem Malti, Vol.IV, p.48.
[2] Is-Siġġiewi, April 1984, p.16.
[3] Għajdut missirijietna ta' l-imgħoddi.
[4] Malta Tagħna 1903

**L' IMKADDES SALIB**

*B'tifrhira tas-sena Imkaddsa 1900*

Ejjeu, Maltin, Insara;
F' dal jum l' actar għaziz;
Fuk tal "Ghalia" il muntagna
U haunec tilmħu fis.
Salib ta ġmiel u cobor,
Haun issa culħadd jara.
F' culħadd jixgħel imħabba,
F' culħadd icattar ħrara.
Dan lis-Standart tal fidua,
Dan ir-rebħ ta l' Insara,
Dan fostna izomm il Fidi,
Min'na ibigħed cull ħsara.
Lill das-Salib imkaddes,
Ghalħimna naduran
Il cbir Missierna Paulu,
Biex nistgħu insalvau.
Chien il Papa Leone
Illi xtiek fostna Maltin,
Xbïet Cristu titkigħed
F' bidu is-seclu għoxrin.
Fuk tal "Virtù" il għolia
Tkigħed ir-Redentur;
U bieħ sigur jitgħaxxak,
Cull-min izuru imur.
Izda in-nies tas-Siggiui
Maltin uisk kalbinin,
Salib daun marru itellgħu
Ghalec uisk ferħanin.
Bic, o Salib, imkaddes
Jitbeghdu il mardjet.
Il faraġ minn tas-Sema
Fukna dejjem jizdiet.
Ghalec b' cull kima mela
Flïemchien nivveneraue;
B' veru fervur ta Fidi
F' kalbna il-coll nistampauc.
Viva, viva, ntennulec
Standard ta l' acbar ħniena,
Mighec il-coll nitghannku
Ghax fukec Cristu fdiena.

GIOV: CARABEZ.

27/9/1903.